**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Mejju 2023**

**Rikors nru : 24/2022 AGV**

**MA**

**Vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku, MM u Dr. Mario Caruana u PL Quentin Tanti bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri KAM b' digriet datat 8 ta' Novembru 2022.**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors guramentat ta'  MA  fejn ippremetta s-segwenti:-**

1. Illi l-esponenti kien mizzewweg lil  MM  Izda ilhom legalment separati minnn xulxin minn nhar il-15 ta Lulju, 2014 (Dok A) liema kuntratt huwa redatt minn Nutar Dottor Reuben Debono.

2. Illi filwaqt li kienet  mizzewga  lill-esponenti, l-intimata MM  kellha relazzjoni extra-matrimonjali ma'  terza persuna u hekk skont l-istess Dok A, qed jigi dikjarat illi l-minuri KAM  mhijiex il-wild naturali tal-esponenti.

3. Illi l-minuri  KAM twielded nhar it-24 ta Apri,l 2009, hekk skont l-anness certifikat tat-twelid immarkat bhala Dok B.

4. Illi l-minuri  KAM tinsab fil-kura u l-kustodja tal-omm naturali taghha surriferita  MM  u titrabba esklussivament minnha.

5. Illi nhar it-12 ta April 2014, hekk skont anness Dok.C , saru testijiet xjentifici minn fejn jirrizulta li l-esponenti  MA  mhuwiex il-missier naturali tal-minuri  KAM

6. Illi l-esponenti jiddikjara illi huwa qatt ma ppartecipa fil-hajja tal-minuri KAM, la qatt ma attenda attivitajiet tal-minuri u la qatt ma qatta' okkazjonijiet mal-minuri u lanqas qatt ma ssomministra l-ebda manteniment ghaliha u ghaldaqstant qieghed jiddikjara li huwa ghal kollox estranju fil-hajja tal-minuri  KAM

7. Illi hekk skont anness Dok D, affidavit li kien gie pprezentat f'kawza numru 165/17 ROM fl-ismijiet **MM vs Direttur tar-Registru Pubbliku et.**, liema Affidavit kien sar mill-imsemmija MM innfisha, qed jigi ddikjarat minn omm il-minuri stess li l-minuri KAM stess huwa minghalija li kunjomha huwa biss M u li lanqas biss taf bl-kunjom A

8. Illi dan kollu surriferit ser jigi ppruvat waqt is-smiegh u trattazzjoni ta dawn il-proceduri odjerni.

**Ghaldaqstant l-esponenti qed jitlob b'rispett lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex tiddeciedi din il-kawza billi:-**

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija minuri KAM mhijiex il-wild naturali tal-Esponenti MA , b'mod li ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-imsemmija minuri hekk surriferit.

2. Tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-imsemmija wild minuri KAMbilli jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid il-konnotati kollha tal-intimat M A u l-istess jigi sostitwiti b'dak it-taghrif illi jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti u jew tordna lill-intimat Direttur Tar-Registru Pubbliku jhassar u jikkancella mic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri KAM, l-isem u l-konnotatti ta' MA kull fejn jirrikorru u minflok fejn hemm missier it-tarbija jitnizzel bhala missier mhux maghruf.

3. Tordna l-korrezzjoni ta' kull att, certifikat, dokument relatat tal-imsemmija minuri KAM sabiex jirrifletti dak kollu surriferit u dan ai termini skont kif jidrilha xieraq u opportun din l-Onorabbli Qorti.

**Bl-ispejjez.**

**Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa s-segwenti:-**

1.Illi preliminarjament, l-esponent jissottometti illi huwa essenzjali ghall-integrita' tal-gudizzju li r-rikorrent jitlob li ssir id-debita korrezzjoni fl-okkju tal-kawza istanti, fil-premessi u fit-talbiet attrici ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi mill-Att tat-Twelid tal-minuri K bin-numru 1646/2009, jirrizulta li l-kunjom il-minuri huwa fil-fatt " AL M " u mhux " AM " kif indikat minnu.

2.Illi b'referenza partikolari ghall-paternita' in kwistjoni tal-minuri K, l-esponent jissottometti illi mhux edott mill-fatti li gew iddikjarati mir-rikorrent fir-rikors guramentat u ghaldaqstant wieghed jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi stante li din hija kawza ta' denegata paternita', ir-rikorrent jehtieglu primarjament jipprova u jissodisfa ghallinqas wahda mic-cirkostanzi elenkati fl-Artikolu 70 sub-inciz (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal tali fini, jidher illi saru t-testijiet genetici appoziti u jonqos biss illi r-rizultati taghhom jinhalfu mill-espert li wettaqhom.

4.Illi inoltre, ir-rikorrent irid jeghleb il-prezunzjoni legali mahluqa tramite l-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u

konvinciment juri li l-pussess ta' stat tal-minuri KAM ma jaqbilx mal-Att tat-Twelid taghha nnumerat 1646/2009.

5.Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi l-minuri.

6.Illi subordinatament u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attrici, ikun xieraq li l-kliem "the said" li jinsabu fil-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikat it-taghrif dwar l-omm fl-Att tat-Twelid ta' KAM kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkata Dok.B., jigu kkancellati mill-istess Att tat-Twelid. Ghaldaqstant, l-esponent huwa tal-umli fehma illi ghandha tintalab l-awtorizzazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex issir talba specifika f'dan ir-rigward ghall-finijiet ta' kompletezza.

7. Illi bla hsara ghall-premess, fir-rigward tat-tielet talba attrici, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-Atti tal-Istat Civili relattivi ghall-persuna u, fejn ikun hemm, ghall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jigi ndikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva taghhom. Illi, ghaldaqstant, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tordna t-tibdil rikjest, l-esponent umilment jirrileva illi r-rikorrent ghandu jispecifika liema huma l-atti li fihom qed jintalab tibdil, permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv. Illi ghal kull buon fini qed jigi rrilevat ukoll illi l-esponent jista' jwettaq it-tibdil rikjest fl-atti tal-istat civili li jinsabu fil-poter tieghu biss.

8. Illi, finalment, u dejjem minghajr pregudizzju ghas-surreferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponenti u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjes tal-kawza istanti.

9.Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Bl-ispejjes kontra r-rikorrent li qieghed minn issa jigi ngunt in subizzjoni.**

**Rat ir-Risposta guramentata tal-Avukat Dottor Mario Caruana u l-Prokuratur legali Quentin Tanti, kuratur deputati, datata 17 ta' Jannar 2023 fejn eccepew hekk.**

1. Illi l-esponenti *qua* kuraturi deputati m'humiex edotti mill-fatti kollha li taw lok ghal din il-kawza, qed jirrizerva li jwettqu l-verifiki neccessarji tal-fatti ndikati fir-rikors guramentat u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet li jistghu jqajmu, jsawru din il-kawza.
2. Salv , jekk ikun il-kaz twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.
3. Illi fi kawlunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost , l-azzjoni odjerna mhux attribwibbli ghal xi nuqqas tal-intimati li ghaldaqstant m'ghandhomx jigu soggetti ghall-ispejjez tal-istanti.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet **MM vs Direttur tar-Registru Pubbliku et. Rikors Nru. 165/17 u** s-sentenza datata 24 ta' Ottubru, 2019, kif ukoll l-atti li gew ipprezentati fl-appell li sar fl-istess ismijiet, liema appell sussegwentement gie cedut mill-attrici.

Rat ukoll li l-konvenuta M M debitament notifikata bir-rikors dehret quddiem dina l-Qorti u ddikjarat li qed taqbel mat-talbiet tal-attur kif dedotti.

Rat it-testijiet tad-DNA li saru minn Dr. Marisa Cassar li saru fuq il-konvenuta, l-attur kif ukoll il-minuri KAM minn fejn irrizulta li l-attur mhux il-missier naturali u bijologiku tal-minuri K.

L-attur esebixxa ukoll l-affidavit tal-konvenuta MM fejn kienet xehdet fil-kawza surriferita (Rik. Nru.165/17) fejn ikkonfermat li damet mizzewwga mal-attur cirka sentejn. Tikkonferma ukoll li minn mindu l-attur kien telaq mid-dar matrimonjali kellha diversi relazzjonijiet u fis-sena 2008 kienet saret taf li kienet tqila. Ghalkemm ma kinitx taf ta' minn kienet it-tarbija, kienet certa li ma kinitx tal-attur.

Ziedet tghid ukoll li l-minuri taf biss li kunjomha huwa M, u ma tafx bil-kunjom "A M ."

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Legislatur u l-gurisprudenza nostrana ghamluha cara, li t-testijiet genetici, ghalkemm ta' importanza kbira, mhumiex sufficjenti biex jikkonfermaw il-kawza ta' denegata paternita' tal-attur. Gie stabbilit kemm il-darba li dawn it-testijiet jehtieg li jkunu ssostanzjati minn provi ohra, bhal ammissjoni da parti tal-omm, li t-tarbija mhux ta' zewgha.

Dan gie kkunsidrat mill-Qrati f'diversi sentenzi. Fil-kaz **_Magro vs Magro Appeal 13th June 2005,** il-Qorti rriteniet is-segwenti:-

> "...***ma hemmx dubju minn qari tad-disposizzjonijiet kollha rilevanti illi l-Legislatur ma riedx li l-prova genetika wahedha tkun sufficjenti biex teskludi l-paternita`, minghajr il-htiega li jigu wkoll ippruvati r-rekwiziti l-ohra kollha rikjesti mil-ligi. Kieku din kienet ir-rieda tal-legislatur dan kien jghidu espressament. Minflok il-legislatur ghazel li t-testijiet genetici ikunu rikonoxxuti biss bhala prova – forsi anki wahda mill-iktar provi importanti – flimkien mal-provi l-ohra prodotti biex jissustanzjaw l-elementi l-ohra ta' wahda jew iktar mill-ipotesijiet kontemplati mil-ligi***.

Fi kliem iehor, il-legislatur ma riedx li l-prova genetika wehidha tkun sufficjenti biex tipprevali fuq il-prezunzjoni legali *li* ***pater is est quem justae nuptiae demonstrant"2***

Fil-kaz **Josianne Giusti vs Pierre Giusti ( 16.02.2001),** il-Qorti kkonkludiet illi l-ammissjoni tal-omm li t-tarbija mhux ta' zewgha mhix konkluziva bhala prova u jehtieg testijiet genetici sabiex tissahhah dina l-prova**.**

> "***Finalment hemm l-ammissjoni tal-omm li minkejja li wahedha mhux bizzejjed (Article 70 (2) tal-Kodici Civili) mehuda ma' dawn ic-cirkostanzi l-ohra telimina kull dubbju f'mohh il-Qorti dwar il-paternita' ta' din it-tarbija."***

Fil-fatt fil-kaz **AC** vs **Dr.Beppe Fenech Adami noe. (27th June 2013)** il-Qorti ddecidiet illi:-

> ***"Skond il-konvenuta G, ommha l-konvenuta BD kienet stqarret maghha li l-attur kien igieghla tipprostitwixxi ruhha. Semmitilha ukoll li kellha "one night stand" ma' persuna bl-isem Spiru u li probabilment dan Spiru kien missierha u mhux l-attur. Fil-fehma tal-Qorti tali dikjarazzjoni tal-omm maghmula lill-bintha tissodisfa dak dispost fis0sub inciza 3 tal-Artikolu 70 appena citat fis-sens li dikjarazzjoni tal-omm li zewgha mhux missier it-tifel taghha ghandha tinghata konsiderazzjoni f'kawza ta' denegata paternita'. Ix-xhieda tal-konvenuta G dwar dak li qaltlilha ommha hija l-prova li l-konvenuta D ikkommettiet adulterju fiz-zmien li gie koncepita l-konvenuta G."***

Fil-kaz in kwistjoni, hemm dikjarazzjoni tal-konvenuta li kellha diversi relazzjonijiet intimi ma' rgiel ohra u dan wara li telqet lill-attur, tant li lanqas hi

stess ma taf min hu l-missier naturali u bijologiku tal-minuri, imma hija certa li mhux l-attur.

Inoltre, il-konvenuta kienet anke telqet lill-attur u kienu ilhom ma jghixu flimkien u ghalhekk kien hemm ovjament l-impossibilita' fizika li jikkoabita ma' martu bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tarbija u dan ai termini tal-Artikolu 70 (1a).

Fil-kaz **George Baldacchino vs Jane Baldacchino et. Deciza fil-5 ta' Ottubru, 2001 il-Qorti rriteniet hekk:-**

> ***"In-necessita' tat-testijiet u provi genetici, li f'dan il-kaz ma sarux, huma kwazi imposti fejn l-azzjoni attrici tkun ibbazata fuq is-sub-inciz (c) ta' l-Artikolu 70 (1) tal-Kodici Civili. Mhux hekk invece s-subincizi (a) u (b) ta' dan l-Artikolu illi, jekk issir prova fir-rigward taghhom, tkun sufficjenti biex tirnexxi din l-azzjoni. Din l-istess Qorti, kif presjeduta, f'diversi sentenzi minnha moghtija ricentement iddikjarat illi l-kuncetti ta' "boghod" u "impossibbilita' fizika" kellhom jigu interpretati b'mod illi fejn, mill-provi, rrizulta illi l-partijiet kienu separati anke de facto u ma kellhomx relazzjonijiet intimi fil-perjodu msemmi fl-istess Artikolu 70 (1) (a) allura dawn l-elementi kienu sufficjenti in vista wkoll tal-fatt illi kien l-interess ta' kull persuna koncernata, inkluz persuni minuri, illi tkun maghrufha l-vera paternita' taghhom. Fil-fehma tal-Qorti r-rekwiziti ta' l-istess sub-incizi (a) u (b) ta' l-Artikolu 70 (1) gew ippruvati f'dan ilkaz. Di piu' hemm l-ammissjoni ta' omm it-tarbija u, nonostante, illi din wahedha ma hijiex sufficjenti bhala prova, [Artikolu 70 (2)] hija wkoll prova importanti u, mehuda ma' provi ohra, ghandha tinghata l-piz li jisthoqqilha."***

Il-konvenuta ressqet provi li damet sentejn biss mizzewwga mal-attur u dawn meta zzewwgu fis-sena 2004 u l-minuri kienet twieldet fl-24 ta' April, 2009. Ikkonfermat li kellha relazzjonijiet intimi ma' rgiel ohra u l-istess attur jikkonferma dan u lii ghalhekk kien hemm separazzjoni *de facto* u anke konsegwentement kien hemm l-impossibilita' fizika ta' koabitazzjoni bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tarbija.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi:-

a. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-minuri Kezia Al Matni Mifsud mhix il-wild naturali tal-attur.
b. Tilqa' t-tieni talba attrici.
c. Tilqa' t-tielet talba attrici.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta Marcella Mifsud.

**Onor.Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**